MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Numru. 668/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Angelo Caruana)

**vs**

**Keith Falzon
Robert Micallef Trigona**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Keith Falzon ta' 19 il-sena iben Ivan u Joanna nee' Platta, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Marzu 1983 u residenti MarJohn, Good Sheperd Avenue, Balzan, detentur tal –Karta ta' l-identita bin-numru 146183 (M) u Robert Micallef Trigona ta' 18 il-sena iben Michael u Mari nee' Ellul Sullivan, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Mejju 1984 u residenti 111, Triq Rudolf, Sliema detentur ta' Karta ta' l-Identita 260284 (M).

Talli:
F’tas-Sliema fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta’ Mejju 2002, fi Qui-SI-Sana bil-hsieb li jikkommettu serq minn go telephone Box, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi bdew jizgassaw il-kaxxa tal-flus, liema delitt ma giex esegwit, minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema tentattiv ta’ serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin, u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija Shigo Telecom.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe’ hsara fit-Telephone Boot, liema hsara tammonta ghal-aktar minn hamsin lira Maltin (LM 50) izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (LM500) u li dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Shigo Telecom.

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom.

Issibhom hatja.

Rat l-artikoli 392A, 261, 263, 270, 267, 325 (b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-ligijiet ta’ Malta.

Stante l-eta’ ta’ l-akkuzati u stante li weghdu li jaghmlu tajjeb ghas-serq u hsara ser tapplika l-imsemmi artikolu 9 tal-kapitolu 152.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lil-akkuzati hatja tilliberahom taht l-provvedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b’dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum. Il-Qorti qed tfisser lill-hatja l-import ta’ din is-sentenza.

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar, BA, LL.D

Kopja Informali ta' Sentenza

Vera kopja M. Mifsud, BA (Deputat Registratur)